



EMA/179067/2014
EMEA/H/C/002805

Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku

Zoledronic acid Teva Generics

zoledronic acid

Dan huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Zoledronic acid Teva Generics. Dan jispjega kif I-Aġenċija vvalutat il-mediċina biex tirrakkomanda I-awtorizzazzjoni tagħha fl-UE u l-kondizzjonijiet ta' użu tagħha. Dan mhux intiż biex jipprovd konsultazzjoni prattika dwar I-użu ta' Zoledronic acid Teva Generics.

Għal informazzjoni prattika fuq I-użu ta' Zoledronic acid Teva Generics, il-pazjenti għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lit-tabib jew lill-spiżjar tagħhom.

X'inhu Zoledronic acid Teva Generics u għal xiex jintuża?

Zoledronic acid Teva Generics hija mediċina li fiha zoledronic acid (5 mg). Jintuża biex jikkura l-osteoporożi (marda li tagħmel l-għad-dam fraġli) f'nisa li għaddew mill-menopawża u fl-irġiel. Jintuża f'pazjenti li jkunu f'riskju ta' ksur (għad-dam miksur) u f'pazjenti li l-osteoporożi tagħhom hija marbuta ma' kura fit-tul b'glukokortikojdi (tip ta' steroid).

Zoledronic acid Teva Generics jintuża wkoll biex jikkura l-marda ta' Paget tal-ġħad-dam fl-adulti. Din hija marda fejn il-proċess normali tat-tkabbir tal-ġħad-dam jinbidel.

Zoledronic acid Teva Generics hija 'mediċina ġenerika'. Dan ifisser li Zoledronic acid Teva Generics huwa simili għal 'mediċina ta' referenza' li digħi hija awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) imsejħa Aclasta. Għal aktar tagħrif dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibet [hawnhekk](#).

Kif jintuża Zoledronic acid Teva Generics?

Zoledronic acid Teva Generics huwa disponibbli bħala soluzzjoni għall-infużjoni (dripp) ġol-vina; il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rċetta ta' tabib.

Zoledronic acid Teva Generics jingħata bħala infużjoni li ddum tal-inqas 15-il minuta. Dan jista' jiġi ripetut darba f'sena f'pazjenti kkurati għal osteoporożi. Għall-marda ta' Paget, ġeneralment għandha



tingħata infużjoni waħda biss ta' Zoledronic acid Teva Generics, iżda jistgħu jiġu kkunsidrati infużjonijiet addizzjonalij jekk il-marda tal-pazjent terġa' titfaċċja. L-effett ta' kull infużjoni jdum għal sena jew aktar.

Il-pazjenti għandu jkollhom fluwidi biżżejjed qabel u wara l-kura, u għandhom jircieu supplimenti xierqa ta' vitamina D u kalċju. Fil-kura tal-marda ta' Paget, Zoledronic acid Teva Generics għandu jintuża biss minn tabib li jkollu esperjenza fil-kura tal-marda. Ara l-fuljett ta' tagħrif għal dettalji sħaħ.

Kif jaħdem Zoledronic acid Teva Generics?

L-osteoporożi sseħħi meta ma jikbirx biżżejjed għadam ġdid biex jissostitwixxi l-għadam li jinkiser b'mod naturali. Gradwalment, l-għadam isir iraqi u fraġli, u jkollu aktar probabbiltà ta' ksur. Fin-nisa, l-osteoporożi hija aktar komuni wara l-menopawża, meta l-livelli ta' estroġenu fl-ormoni tan-nisa jaqgħu. L-osteoporożi tista' sseħħi ukoll fiż-żewġ sessi bħala effett sekondarju ta' kura tal-glukokortikojdi. Fil-marda ta' Paget, l-għadam jinkiser aktar malajr, u meta jerġa' jikber, ikun aktar dgħajnejf minn dak normali.

Is-sustanza attiva f'Zoledronic acid Teva Generics, zoledronic acid, hija bisfosfonat. Twaqqaf l-azzjoni tal-osteoklasti, iċ-ċelloli fil-ġisem li huma involuti fit-tkissir tat-tessut tal-għadam. Dan iwassal għal inqas telf ta' għadam fl-osteoklasti u inqas attivitā fil-marda ta' Paget.

Kif ġie studjat Zoledronic acid Teva Generics?

L-ebda studju addizzjonal ma kien meħtieġ minħabba li Zoledronic acid Teva Generics huwa mediciina ġenerika li tingħata b'infużjoni u fiha l-istess sustanza attiva bħall-mediciina ta' referenza, Aclasta.

X'inħuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Zoledronic acid Teva Generics?

Minħabba li Zoledronic acid Teva Generics huwa mediciina ġenerika, il-benefiċċji u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediciina ta' referenza.

Għal xiex ġie approvat Zoledronic acid Teva Generics?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ikkonkluda li, skont ir-rekwiżiti tal-UE, Zoledronic acid Teva Generics intwera li huwa paragunabbli ma' Aclasta. Għaldaqstant, il-fehma tas-CHMP kienet li, bħal fil-każ ta' Aclasta, il-benefiċċju huwa akbar mir-riskju identifikat. Il-Kumitat irrakkomanda li Zoledronic acid Teva Generics jiġi approvat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qiegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Zoledronic acid Teva Generics?

Ġie żviluppat pjan ta' ġestjoni tar-riskju biex jassigura li Zoledronic acid Teva Generics jintuża bl-aktar mod sigur possibbli. Abbażi ta' dan il-pjan, fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljett ta' tagħrif ġiet inkluża informazzjoni rigward is-sigurtà ta' Zoledronic acid Teva Generics, fosthom il-prekawzjonijiet xierqa li jridu jiġu segwiti mill-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti.

Aktar informazzjoni tinstab fis-sommarju tal-pjan tal-ġestjoni tar-riskju.

Informazzjoni oħra dwar Zoledronic acid Teva Generics

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Zoledronic acid Teva Generics fil-27 ta' Marzu 2014.

L-EPAR sħiħ u s-sommarju tal-pjan tal-ġestjoni tar-riskju għal Zoledronic acid Teva Generics jinstabu fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni rigward il-kura b'Zoledronic acid Teva Generics, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll milli-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

L-EPAR sħiħ għall-mediċina ta' referenza jinstab ukoll fis-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fi 03-2014.

Prodott mediciinali li m'għadux awtorizzat